MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 238/2011

**A B**

**vs**

**C D , Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tas-6 ta' Settembru, 2011 l-Avukat Dr Mark Anthony Mifsud u l-Prokuratur Legali Pauline Mallia gew nominati bhala kuraturi deputati in rapprezentanza Tal-minuri L B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fis-sena 1999, l-esponent kien iltaqa' ma' l-intimata u beda johrog maghha, pero' wara tlett xhur kienet qaltlu li hi tqila u meta twieldet it-tarbija, l-esponent kien gie mitlub u sfurzat mill-intimata biex it-tarbija tigi irregistrata bil-kunjom tieghu;

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri L B **(Dok A)** li twieled fl-10 ta' Mejju 2000 l-esponent gie ddikjarat bhala l-missier ta' l-istess minuri, l-esponent dejjem kellu dubji fondati jekk fil-fatt huwiex l-missier biologiku ta' l-istess minuri kif jista' jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;

3. Illi fil-fatt l-esponent kien gie eskluz mill-hajja tal-minuri mill-intimata wara li spiccat ir-relazzjoni tal-partijiet u cioe' meta l-minuri kien ghad kellu sena u nofs, u r-raguni primarja kienet illi kien hemm dubji serji jekk l-esponenti kienx il-missier naturali tal-minuri ;

4. Illi di piu' skond sentenza ta' l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet *C D pro et noe vs A B* (Cittazjoni numru 20/05 NC) deciza fit-28 ta' Jannar 2010 **(Dok B)** fuq talba tal-intimata C D l-esponent gie zvestit mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur;

5. Illi sabiex jigi kkjarifikat id-dubju tal-paternita' tal-minuri darba ghal dejjem, nhar il-15 ta' April 2011 l-esponent ipprezenta ittra ufficjali (kopja annessa u mmarkata **(Dok C)** fejn l-intimata giet interpellata tersaq sabiex isiru t-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' b'mod xjentifiku l-paternita' ta' l-istess minuri;

6. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata u notifikata permezz ta' l-ittra ufficjali hawn fuq indikata, l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk l-esponenti qed jikkontendi illi l- ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-istess intimata;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tordna illi l-intimata tersaq ghat-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' b'mod xjentifiku l-paternita' tal-minuri L B li twieled fl-10 ta' Mejju 2000;

2. Tordna, fil-kas illi r-rizultat tat-testijiet genetici appositi jirrifletti illi l-esponent m'huwiex il-missier biologiku tal-minuri il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-

minuri L B billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom l-esponent bhala missier il-minuri jigi ikkancellat;

3. Tordna jekk ikun il-kaz l-korrezzjoni f’kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;

4. Tordna lill-intimata thallas l-ispejjez ta’ din il-kawza peress illi dawn il-proceduri kellhom isiru b’rizultat tal-inadempjezza taghha ghall-ittra ufficjali notifikata lilha fid-19 ta’ April 2011;

Bl-ispejjez kontra l-intimata, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta C D;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-senenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attur jikkontendi li ghalkemm kellu relazzjoni mal-intimata, huwa gie mgieghel u sfurzat sabiex jirrikonoxxi tarbija li dejjem kellu d-dubji dwar il-paternita' taghha.  L-attur, permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tordna lill-intimata tersaq ghat-testijiet genentici appositi sabiex tigi stabbilita l-vera paternita' tal-minuri L B, f'kaz li jirrizulta li l-istess attur m'huwiex il-missier naturali tal-istess tarbija, jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri.

Il-Kuraturi deputati fil-kwalita' taghhom bhala rapprezentanti tal-minuri L B jiddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u konsegwentement irriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz, fis-sens li fl-ewwel lok mhux edott mill-fatti tal-kawza u ghaldaqstant irrimetta ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm talab lill-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tirrileva li fil-fatt it-testijiet ta' paternita' saru u rrizulta li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri.

Permezz tat-tieni eccezzjoni, d-Direttur tar-Registru Pubbliku sostna li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas da parti tal-esponent u kwindi m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-intimata ma prezentat ebda nota ta' eccezzjonijiet b'mod formali izda tipprezenta l-inkartament relatat mal-kawza fl-ismijiet inversi u li din il-Qorti diga' ghamlet referenza ghaliha aktar 'il fuq, u li permezz taghha l-attur gie svestit mill-jeddijiet kollha ta' genitur u dan ghal finijiet ta' spejjez relatati mal-kawza odjerna, wara li gie stabbilit permezz tat-testijiet genetici li fattwalment il-minuri L huwa verament il-wild naturali tal-attur.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Permezz tar-rikors guramentat tieghu kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu l-attur jghid li wara tliet xhur li kien ilu johrog mal-intimata, din infurmatu li kienet tqila bit-tarbija tieghu, tant li huwa gie sfurzat u mgieghel jirrikonoxxih bhala ibnu minkejja li kellu dubji serji dwar il-vera paternita' tal-istess minuri. Sussegwentement, wara li r-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat fix-xejn, l-intimata eskludiet lill-attur mill-hajja tat-tarbija u r-raguni principali kienet proprju dik li kien hemm dubju dwar il-paternita' tal-istess tarbija. *Di piu'* permezz ta' sentenza moghtija minn

din il-Qorti hekk kif diversament preseduta fl-ismijiet inversi (Citazzjoni Numru 20/05NC esebita a fol 5 tal-process) l-attur gie svestit mill-jeddijiet kollha ta’ setgha ta’ genitur. L-attur ried li jnehhi dan id-dubju dwar il-paternita’ tal-minuri darba ghal dejjem tant li interpellaha permezz ta’ att gudizzjarju (esebit a fol 8 tal-process) sabiex tersaq ghat-testijiet genetici sabiex finalment jigi determinat jekk l-attur huwiex il-veru missier tal-istess tarbija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk ma kellux ghazla ohra hlief li jintavola l-kawza odjerna.

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta’ Jennifer Debono li taghti rendikont ta’ kif graw il-fatti skond kif tafhom hi. Tiddiskrivi lill-intimata bhala tfajla fuq ruhha hafna u bhala tfajla li tilbes b’mod provokattiv. Tghid ukoll li mill-bidu nett kien hemm dubji serji fuq il-paternita’ tat-tarbija li welldet C, ghalkemm l-attur kien maghha fit-twelid u li ghamel minn kollox biex jaccerta ruhu li t-tarbija ma kien jonqosha xejn. Missier l-attur kien tah il-parir biex jaghmel it-testijiet genetici qabel ma jirrikonoxxi tali tarbija bhala tieghu, izda l-attur jidher li dan il-parir ma hadux. Jennifer tghid ukoll li l-intimata ppruvat tinganna persuna ohra bil-paternita’ ta’ tarbija ohra minn taghha.

Izda il-Qorti tirrileva li tali xhieda m’ghandha ebda piz meta komparata mar-rizultat tat-testijiet genetici li gew esebiti in atti u li permezz taghhom gie konfermat li l-attur huwa l-missier naturali tal-istess tarbija. Dan necessarjament ifisser li kwalunkwe allegazzjoni ta’ ingann da parti tal-intimata zgur li ma jistax jirrizulta. Anzi jirrizulta li dak li kienet ilha tallega l-istess intimata sa’ mill-bidu nett kien veritier ghaliex l-attur huwa verament il-missier tal-minuri.

Gialadarba ma hemm ebda dubju dwar il-paternita’ tat-tarbija u ma jirrizulta li hemm bzonn ta’ ebda bdil fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija, il-Qorti jifdlilha biss sabiex tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez. L-attur jargumenta li m’ghandux ibati ghall-ispejjez ghaliex huwa kien interpella lill-intimata sabiex tersaq ghat-testijiet genetici izda baqghet inadempjenti. Min-naha l-ohra l-intimata, permezz tad-dokumentazzjoni esebita in atti

tissottometti li l-attur m'huwiex fil-hajja tal-istess minuri u li fuq kollox gie svestit mill-jeddijiet ta' seta' ta' genitur. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li l-attur interpella lill-intimata sabiex tersaq ghat-testijiet genetici u hi baqghet inadempjenti izda tifhem ukoll li huwa abbanduna lill-minuri b'tali mod li l-istess intimata kellha tintavola proceduri *ad hoc* sabiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri L u sabiex l-istess attur jigi svestit mill-poteri ta' genitur fil-konfront tal-istess tarbija. Dan l-atteggjament wassal sabiex iz-zewg partijiet sabiex ma jottemporawx ruhom mal-obbligi jew l-interpellanzi li sarulhom rispettivament. Min-naha tieghu l-attur abbanduna lill-minuri u naqas milli jkompli jhallas manteniment ghall-istess wild u min-naha taghha l-intimata, inizjalment ghazlet li ma tiehu ebda azzjoni izda sussegwentement, fil-mori tal-kawza ghazlet li tissottometti ruhha ghat-testijiet genetici in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* li din giet sorvolata fil-mori tal-kawza;
(2) Tichad it-tieni talba;
(3) Tichad it-tielet talba;
(4) Tilqa' r-raba' talba b'mod limitat fis-sens li l-intimata ghandha thallas kwantu ghal nofs l-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------